*Kappelli u Knejjes Żgħar fil-Mosta (11):*

# Il-Knisja ta' San Pawl Eremita



*minn **Tony TERRIBILE***

**Il-knisja** ta' San Pawl Eremita, fil-wied tal-Mosta, hi waħda mill-isbaħ knejjes li nsibu gżejjer tagħna. Dan, għal bosta raġunijiet, l-aktar minħabba il-pożizzjoni tagħha mibnija fuq il-wied, ġewwa għar ta' blat qawwi.



***Dehra tal-kappella ta' San Pawl Eremita mill-għoli ta' Wied Għasel. (Ritratt: Reuben Chetcuti)***

Ġrajjiet din il-kappella jibdew mis-seklu sittax meta waqt il-viżta li kien qed jagħmel il-Viżitatur Appostoliku Mons. Duzina, niżel f'din il-knisja u ra x'hemm. Osserva, li kellha bieb ta' l-injam, artal u dak kollu li kien meħtieġ għas-servizz liturġiku. Kiteb ukoll li Paolo Cumbo, b'sinjal ta' qima u devozzjoni lejn San Pawl Eremita, ħalla benefikat biex il-festa ta' dan il-qaddis tiġi ċċelebrata kull sena f'din il-knisja bil-kant ta' Għasar u biċ-ċelebrazzjoni tal-quddiesa.



***Dehra aktar mill-qrib tal-kappella. (Ritratt: Reuben Chetcuti)***

Aktar tagħrif dwar din il-kappella nsibuh imniżżel fl-ewwel ktieb ta' l-istorja ta' Malta miktub minn Ġan Franġisk Abela fl-1647. Dan l-istoriku kiteb hekk: "Fil-ħajt ta' din il-kappella, fejn hemm l-artal jidher impinġi x-xebħ tal-Beata Verġni bil-Bambin imqaddes fuq dirgħajha.

Fix-xellug tal-knisja hemm il-kwadru ta' San Pawl Eremita, li fil-ħajt li jħares lejn il-lvant tidher ukoll



***L-inkwadru ta' San Pawl Eremita u San Anton Abbati li konna nsibu f'din il-kappella. (Ritratt: Reuben Chetcuti)***

impinġija x-xbieha ta' San Anton Abbati."

Mal-mixja tas-snin ma' din il-kappella ntrabtet devozzjoni kbira u għalhekk matul is-sena kien jiġi ċċelebrat ħafna quddies. Maż-żmien din il-knisja kienet spiċċat fi stat deplorevoli ħafna u għalhekk kellha tinbena mill-ġdid bi spejjeż ta' raġel twajjeb mill-Mosta.

Wara l-pesta ta' l-1676 Don Ortensio Bennini, li kien *maestro di cappella* tal-knisja konventwali ta' San Ġwann, kien kull sena jagħmel il-festa bil-mużika u kienet issir ukoll priedka. B'riżultat tad-devozzjoni qawwija li ntrabtet ma' din il-kappella mal-mixja tas-snin, inbniet ukoll kappella żgħira f'ġieħ il-Madonna.

Għal din kien ħallas Ġanni Pawlu Mangion mill-Mosta. Dan jidher mid-digriet ta' l-Isqof tas-27 ta' Jannar 1656.



***L-inkwadru u l-altar iddedikati lill-Beata Verġni bil-Bambin, ftit wara li ġew restawrati mill-grupp li jieħu ħsieb din il-kappella, fosthom is-Sur Raymond Grech. (Ritratt: Reuben Chetcuti)***

Fl-imgħoddi f'din il-kappella tal-Madonna kien hemm ħawt mimli bl-ilma li qatt ma kien jonqos jew jinxef, ħaġa li kienet miżmuma mid-devoti bħal r-rieda t'Alla.

Skond ma naqraw, fil-misraħ ta' quddiem il-knisja kien hemm ħawt ieħor għall-ilma bi statwa ta' San Pawl, magħmul fl-1646 mill-qima ta' Filippu Cassar, fejn fuqha kien hemm minquxa l-arma tiegħu u ta' martu Vincenza Xara.

Fl-aħħar nofs tas-seklu l-ieħor, jiġifieri s-seklu għoxrin, din il-knisja sfat vittma ta' l-id tal-vandali u tal-ħallelin. Dawn għamlu minnha ħerba sħiħa, waħda wara l-oħra. Fuq dawn l-atti 'barbari' saru protesti kbar u nkitbu bosta ittri fil-ġurnali.

Din il-knisja damet xi ftit sew mitluqa, iżda fl-aħħar grupp ta' voluntiera Mostin daħlu għar-restawr tagħha. Dawn ħadmu bis-sħiħ u waqt ix-xogħol volontarju għamlu t-tiswijiet meħtieġa, biex illum aħna nistgħu ngawdu mill-ġdid is-sbuħija ta' din il-kappella ta' San Pawl Eremita, li qegħda tifforma parti mill-wirt kulturali tal-Mosta.

Treecake
CONFECTIONERY
Independence Ave., Mosta
Tel: 21 432859 Mob: 9946 4060
(previously known as Ta' Virginia)
is now under new management
Managing Director: Jesmond Cauchi
*Treecake Confectioners advise that orders are accepted for all parties*
Everyone is welcome!

MARPAC

Air-conditioners tad-ditta
**MERCURY** u **ARISTON**
Prezzijiet u garanzija mill-aqwa
Installazjoni fil-pront
*Novita għal dan is-sajf*
*12,000 BTU Portable A/C*
*bi prezz speċjali ta'*
***Lm189 cash***
Fannijiet **AIRMATE** ta' bla ħoss u sentejn garanzija